MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Numru. 153/2012

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Mark Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Mark Grech ta' dsatax (19)-il sena, iben Joseph u Angolina neé Cauchi, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar is-17 ta' Gunju 1992 u joqghod Ortolan, Triq Michele Busuttil, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 25292(G) li gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Ottubru 2011, fl-

inhawi tal-Gharb, Ghawdex u gewwa postijiet ohra fil-Gzira ta’ Ghawdex, f’hinijiet differenti;

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta’ kull licenzja moghtija tahthom bi ksur ta’ regolament 4 (1) (a) tal-A.L. tal-2006 hekk kif emendat;

2. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar (A.L. 79 tal-2006), kontra id-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx dikjarat u registrat mal-awtorita’ kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u meta ma kienx inghata permess, jew certifikat mill-awtorita’ kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta’ regolament 4 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Zamm xi ghasfur, kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew fl-iskeda III, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat membru iehor fejn ikun jista’ jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-Istat membru l-iehor u dan bi ksur ta’ regolament 4 (1) (f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza x-xbieki bi ksur ta’ regolament 7 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta’ ghasafar protetti bi ksur ta’ regolament 7 (1) (i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. Zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta’ regolament 7 tal-A.L. 79 tal-2006, u cioe’ xbieki u lixki ta’ ghasafar protetti, bi ksur ta’ regolament 7 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux fuqu l-licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta' regolament 12 (1); 13 u 16 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar bi ksur ta' regolament 18 (1) (c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

9. Zamm jew qafel xi ghasfur f'xi gagga jew recipjent iehor li kien inqas gholi minn 250mm, inqas twil minn 250mm u inqas wiesgha minn 150mm bi ksur ta' regolament 20 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolamenti 27 tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-ewwel (1), il-hames (5), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi fuq ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1), il-hames (5), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet, l-imsemmija imputazzjonijiet gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, dawn jistghu jigu assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni. Illi, fir-rigward tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet, mill-provi prodotti, dawn ma gewx sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, wara li rat Regolament 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 7(1)(i), 12(1), 13, 16, 18(1)(c) u 20(a) tal-Legislazzjoni Sussidarja 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati taghhom b'dan illi, kif nghad aktar il-fuq, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet dawn qeghdin jigu assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni, u tikkundannah multa kumplessiva ta' sitt mitt ewro (€ 600.00).
Il-Qorti ma tilqghax it-talba tal-Prosekuzzjoni rigward il-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni tal-licenzja.

*In fine*, wara li l-hati talab zmien ghall-hlas tal-multa imposta u wara li l-Qorti rat li l-hati ma talabx sospensjoni tal-effetti ta' din id-decizjoni, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li l-multa ta' sitt mitt Euro (€ 600.00) tigi mhallsa f'rati mensili ta' hamsa u sebghin Euro (€ 75.00), bl-ewwel pagament dovut fl-ahhar ta' April 2012.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------